

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.7.2008
KUMM(2008) 411 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru 1911/2006 tad- 19 ta' Diċembru^o2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu^o11(2) tar-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru 384/96

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru^o384/96¹ dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') fil-proċediment li jikkonċerna importazzjonijiet ta' l-urea u nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mir-Russja.

- **Il-kuntest ġenerali**

Din il-proposta qed issir fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skond ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

- **Id-dispożizzjonijiet attwali fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000², impona dazju definittiv ta' l-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mir-Russja fil-Komunità.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) IL-KONSULTAZZJONI MA' PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni ma' partijiet interessati**

L-applikant u l-industrija tal-Komunità ġew informati bis-sejbiet ta' l-eżaminazzjoni u kellhom l-oportunità li jissottomettu l-kummenti tagħhom.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm l-ebda hteġa għal għarfien espert estern.

- **Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jaħsibx għal stima ta' l-impatt ġenerali iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

¹ ĠU L^o56, 6.3.1996, p.^o1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

² ĠU L^o 238, 22.9.2000, p.^o15. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1675/2003 (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 4).

3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **It-taqsis ta' l-azzjoni proposta**

Bir-Regolament (KE) Nru 1995/2000³, il-Kunsill impona dazju definittiv ta' l-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mir-Russja.

Wara talba li tressqet miż-żewġ produttori esportaturi mir-Russja, inbdiet reviżjoni interim limitata għad-dumping.

L-investigazzjoni wriet li seħħ dumping matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni. Il-livell ta' dumping li nstab kien ogħla mil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara li tiffirma l-bażi tal-miżuri attwali fis-seħħ. Għalhekk, il-miżuri inżammu fil-livell tagħhom. Ir-regolament li temm ir-reviżjoni inkluda klawnsola biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreżentaw offerta ta' impenn f'għaxart ijiem kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

Offerta ta' impenn bħal din tressqet fil-ħin dovut. Din tistipula ċerta kwantità, li tirrappreżenta madwar 10% tal-konsum totali tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat, tista' tiġi esportata lill-KE mingħajr ma jitħallas id-dazju applikabbli ta' l-anti-dumping jekk ċertu prezz minimu indeċjat ta' importazzjoni ikun irrispettat.

Din l-offerta ta' impenn ġiet aċċettata. Għalhekk huwa propost li l-Kunsill jadotta l-proposta meħmuża għal Regolament, li għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

- **Il-bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru 384/1996 tat-22^ota^oDiċembru^o1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")⁴.

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk, il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Ir-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru^o1995/2000 li jimponi dazju kontra d-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mir-Russja emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru^o1675/2003 ma jħalli l-ebda

³ ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1675/2003 (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 4).

⁴ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

ambitu għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq il-Komunità, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċittadini huwa minimizzat u proporzjonali għall-għan tal-proposta mhix applikabbli.

- **L-għażla ta' strumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja.

Ir-regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4) L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru 1911/2006 tad- 19 ta' Diċembru^o2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu^o11(2) tar-Regolament tal-Kunsill^o(KE)^oNru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar ħarsien minn importazzjonijiet iddampjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea⁵ ('ir-Regolament bażiku'), u b' mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000⁶, il-Kunsill impona dazju definittiv ta' l-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati ta' l-ammonju (UAN) li joriġinaw, inter alia, mir-Russja. Wara reviżjoni ta' l-iskadenza li ngħatat bidu f'Settembru 2005, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1911/2006⁷, ġedded għal ħames snin dawn il-miżuri fil-livell attwali tagħhom.
- (2) Fid-19^ota' Diċembru^o2006, il-Kummissjoni ħabbet b'avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea⁸, il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali dwar importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-UAN li joriġinaw, inter alia, mir-Russja fuq it-talba ta' Open Joint Stock Company Novomoskovskiy Azot u Open Joint Stock Company Nevinnomyssky Azot, żewġ produttori esportaturi mir-Russja, li jappartjenu l-Open Joint Stock Company "Mineral and Chemical Company Eurochem". Dawn iż-żewġ kumpaniji, minħabba r-relazzjoni tagħhom, huma ttrattati bħala entità legali waħda ("il-produttur esportatur") għall-iskop tar-Regolament attwali. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet definittivi tar-reviżjoni interim parzjali huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 238/2008 ta' l-10 ta' Marzu 2008⁹ li bih intemmet ir-reviżjoni mingħajr ma ġew emendati l-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

⁵ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁶ ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15.

⁷ ĠU L 365, 21.12.2006, p. 26.

⁸ ĠU C 311, 19.12.2006, p. 51.

⁹ ĠU L 75, 18.03.2008, p. 1

B. IMPENN

- (3) Waqt ir-reviżjoni interim il-produttur esportatur esprima interess li joffri impenn għall-prezz iżda naqas milli jibgħat offerta sostanzjata sew qabel il-limitu taż-żmien kif stabbilit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku. Madankollu kif stipulat fil-Premessi (57) u (58) tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, il-Kunsill qies li l-produttur esportatur għandu eċċezzjonalment jitħalla jispiċċa l-offerta ta' impenn tiegħu fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament minħabba l-komplessità ta' bosta kwistjonijiet, fosthom^o(1) il-volatilità tal-prezz tal-prodott ikkonċernat li jeħtieġ xi tip ta' indiċi ta' prezzijiet minimi, filwaqt li l-volatilità mhix spjegata biżżejjed mill-mutur ewlieni ta' l-ispejjeż; u^o(2) il-qagħda partikolari tas-suq għall-prodott ikkonċernat. Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 238/2008 u qabel il-limitu taż-żmien stipulat f'dak ir-Regolament, il-produttur esportatur ippreżentaw impenn aċċettabbli tal-prezz skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.
- (4) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni [DAĦĦAL]¹⁰ aċċettat l-offerta ta' impenn. Il-Kunsill jagħraf li l-offerta ta' impenn telimina l-effett ta' ħsara tad-dumping u tillimita għal grad suffiċjenti r-riskju ta' evażjoni.
- (5) Biex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jisgħu jissorveljaw b'mod effettiv l-osservanza ta' l-impenn mill-produttur esportatur, meta tiġi ppreżentata t-talba lill-awtorità rilevanti tad-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, l-eżenzjoni mid-dazju ta' anti-dumping għandha tiddependi minn (i) preżentazzjoni ta' fattura ta' impenn, li tkun fattura kummerċjali li jkollha mill-anqas l-elementi msemmija u d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness; (ii) il-fatt li l-prodotti importati jiġu manifatturati, mibgħuta u mogħnija b'fattura direttament mill-produttur esportatur imsemmija lill-ewwel klijent indipendenti fil-Komunità; u (iii) il-fatt li l-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura ta' l-impenn. Meta l-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ma jiġux issodisfati, id-dazju anti-dumping xieraq għandu jiġi impost fil-ħin meta ssir id-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa.
- (6) Kull meta l-Kummissjoni tirtira, skond l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku, l-aċċettazzjoni tagħha ta' l-impenn wara xi ksur billi tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi ta' impenn rilevanti, jiġi impost dejn doganali fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn it-tranżazzjonijiet.
- (7) L-importaturi għandhom dejjem ikunu konxji li dejn doganali jista' jiġġarrab, bħala riskju normali tan-negozju, fil-mument ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa hekk kif deskritt fil-premessi (5) u (6) anke jekk impenn offrut mill-manifattur li minnu kienu qegħdin jixtru, direttament jew indirettament, kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni.
- (8) Skond l-Artikolu 14(7) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni kull meta jinstabu indikazzjonijiet ta' xi vjolazzjoni ta' l-impenn.
- (9) Minħabba r-raġunijiet imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impenn offrut mill-produttur esportatur huwa għalhekk meqjus aċċettabbli mill-Kummissjoni u l-

¹⁰

DAĦĦAL IR-REFERENZA

produttur esportatur ikkonċernat ġie infurmat bil-fatti, il-kunsiderazzjonijiet u l-obbligi essenzzjali li l-aċċettazzjoni hija bbażata fuqhom.

- (10) Fil-każ ta' ksor jew irtirar ta' l-impenn jew fil-każ ta' rtirar ta' l-aċċettazzjoni ta' l-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju anti-dumping impost mill-Kunsill, skond l-Artikolu 9(4) għandu japplika awtomatikament skond l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1911/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

Il-Paragrafu 4 fl-Artikolu 1 għandu jkun sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"4. Minkejja paragrafu 1, id-dazju definitiv ta' l-anti-dumping ma għandux japplika għal importazzjonijiet rilaxxati ġo ċirkolazzjoni ħielsa skond l-Artikolu 2 jew l-Artikolu 2a."

L-Artikolu li ġej għandu jiżdied wara l-Artikolu 2:

"Artikolu 2a

1. L-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' l-urea u n-nitrat ta' l-ammonju għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa li huma mogħnija b'fattura mill-kumpanija li l-impenn tagħha ġie aċċettat mill-Kummissjoni u li l-isem tagħha tniżżel f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni^o(2008/DAHHA/KE), li minn żmien għal żmien jiġi emendat, se tiġi eżentata mid-dazju antidumping impost mill-Artikolu^o1, bil-kundizzjoni li:
 - dawn jiġu manifatturati, mibgħuta u mogħnija b'fattura direttament mill-produttur imsemmi lill-ewwel konsumatur indipendenti fil-Komunità, kif ukoll
 - importazzjonijiet bħal dawn ikunu akkumpanjati minn fattura ta' impenn li hija fattura kummerċjali li jkun fiha mill-anqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament; kif ukoll
 - il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu preċiżament mad-deskrizzjoni fuq il-fattura ta' l-impenn.
2. Dejn doganali għandu jiġi mġarrab fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa:
 - kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li ma tiġix sodisfatta waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu; jew
 - meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha ta' l-impenn skond l-Artikolu^o8(9) tar-Regolament bażiku f'Regolament jew Deċiżjoni li tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari jew tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti ta' impenji."

L-Anness għandu jiġi mibdul b'dan l-Anness li ġej:

"ANNESS

Elementi li għandhom jiġu ndikati fl-irċevuta ta' l-impenn imsemmija fl-Artikolu^o2(2) u l-Artikolu 2a:

1. Il-Kodiċi addizzjonali TARIC li taħtu l-prodotti fl-irċevuta jistgħu jkunu meħlusa fid-dwana fil-fruntiera tal-Komunità, (kif spjegat fir-Regolament jew fid-Deċiżjoni xierqa).

2. Id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti, inklużi:

- Il-kodiċi NM,
- Il-kontenut ta' nitroġenu ('N') tal-prodott (f'perċentwali),
- kwantità (tingħata f'tunnellati).

3. Id-deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' bejgħ, inkluż:

- prezz għal kull tunnellata,
- it-termini applikabbli għall-ħlas,
- it-termini applikabbli għall-kunsinna,
- ir-roħs u r-ribass totali.

4. Isem ta' l-importatur mhux relatat li fuqu l-kumpanija tkun ħarġet il-fattura direttament.

5. L-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura ta' l-impenn u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika illi l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lill-Komunità Ewropea ta' l-oġġetti msemmija f'din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u taħt it-termini ta' l-impenn offrut minn (kumpanija), u aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament^o(KE)^oNru 617/2000 jew d-Deċiżjoni^o2008/xxxx/KE (kif xieraq). Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]